MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 895/2006

**Talba Nru: 895/06PBC**

**Vincent Galea ID 983146**

**Vs**

**Meli Car Rental Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm191.25c) kwantu ghal parti minn paga lilu dovuta li ma gewx imhallsa lilu wara li tkecca mix-xoghol.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta li biha wiegbet li t-talbiet ta` l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwa dovut xejn lill-attur mis-socjeta` konvenuta.

Sema` x-xhieda ta` Vincent Galea, Louis Zammit, Jesmond Sacco, Nazzareno Meli u ta` Connie Attard.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Deborah Mifsud Attard ghall-attur u ta` Dr Reuben Farrugia ghas-socjeta` konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur kien gie mpjegat mas-socjeta` konvenuta bhala *driver* bejn id-29 t`Awissu, 2005 u d-29 ta` Dicembru, 2005. Fil-21 ta` Dicembru, 2005 il-konvenut kien involut f'incident tat-traffiku u minn dakinhar 'il quddiem ma giex aktar ghax-xoghol u meta mar biex jidhol ghax-xoghol fil-5 ta` Jannar gie nfurmat li l-impjieg tieghu gie tterminat b'effett mid-29 ta` Dicembru, 2005.

L-attur ghalhekk ippretenda li jithallas tal-paga dovuta lilu u *bonuses*. Inoltre, fil-kors ta` l-impjieg tieghu, minn kull paga l-*employer* kien inaqqaslu hames liri Maltin (Lm5) biex ikun hemm depozitu lejn *excess* biex f'kaz li l-attur ikun involut f'xi kollizjoni, jkun hemm bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghall-*excess*. Il-partijiet kienu ftehmu illi jekk ikun hemm *claim* minhabba kollizjoni u l-kollizjoni tkun tort ta` l-attur, l-*excess* tinqasam bin-nofs bejnu u bejn il-kumpanija konvenuta. L-*excess* kien ta` tlett mitt lira Maltin (Lm300) u l-kumpanija konvenuta kienet qeghda tigbor il-flus sabiex ittella` l-kontribuzzjoni ta` l-attur fl-ammont ta` mija u hamsin lira Maltin (Lm150) izda billi l-impjieg tieghu gie tterminat qabel il-waqt, kienet lahqet gabret biss hamsa u tletin lira Maltin (Lm35).

Fil-5 ta` Jannar meta l-attur mar biex jiehu l-paga tieghu u tkellem ma` Louis Zammit li huwa nkarigat mis-socjeta` konvenuta bhala *accounts clerk* qam argument billi l-attur ma riedx jaccetta l-kalkoli maghmula minn Zammit, izda milli jidher l-attur biddel fehmtu u ha l-flus lilu offerti ta` tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm63.98c) u dak il-hin iffirma dokument li kopja tieghu jinsab esebit a fol 20 tal-process fejn iddikjara:

"I have no further claims or pretensions against Meli Car Rentals Limited of any nature whatsoever."

L-attur jghid illi huwa gie mgieghel jiffirma dan id-dokument qabel ma kien jaf kemm kien se jkun ic-cekk, izda ghalkemm huwa possibbli li dan il-ftehim gie ffirmat qabel ma nghata c-cekk, jirrizulta mill-provi illi l-attur effettivament ha c-cekk u pproceda biex sarrfu u konsegwentement jekk huwa kellu xi lment jew kontestazzjoni dwar din l-iskrittura, certament bil-fatt li huwa accetta l-pagament li sar lilu dak il-hin u sarraf l-istess cekk, ifisser illi huwa rratifika l-firma tieghu fuq l-iskrittura tal-5 ta` Jannar, 2006 jekk din qatt xi darba kellha titqies bhala difettuza.

Tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza deciza fid-19 t`Ottubru, 2005 (74/2003) "Schembri Vs Mifsud":**

"Huwa veru li in linea ta` massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, *cheque* lilu mibghut fit-termini "*full and final settlement*" jigi li hu rcieva pagament f'dawk l-istess termini precizi. Dan jibqa` hekk pero` sakemm ma jigix muri illi min ircevieh ipprotesta dwar hlas ghal dan fil-mument opportun."

Veru li ghall-bidu u QABEL ma ha c-cekk, l-attur ipprotesta izda huwa daqstant iehor provat li l-attur biddel fehmtu, accetta c-cekk u sarrfu. Is-socjeta` konvenuta ma kienetx ser tfalli u ghalhekk mhux il-kaz li l-attur kien jaqbillu jiehu dak lilu offert ghaliex 'il quddiem jibza li ma jsib xejn. L-attur ma setax jippretendi li ghandu dritt jikkontesta l-imsemmija skrittura u fl-istess hin jaccetta l-pagament lilu offert abbazi ta` l-istess. Jekk ma kienx kuntent bil-pagament li qed jigi offrut lilu, dan seta` facilment jirrifjutah u jipprocedi ulterjorment izda galadarba huwa accetta l-pagament u anki ffirma d-dokument li m'ghandux aktar pretensjonijiet kontra s-socjeta` konvenuta, huwa ssalda l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront ta` l-attrici u ma jistax issa, premezz tal-proceduri odjerna jittanta li jerga` jiftah il-vertenza.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li ghandu jerga` jaghmel il-konteggi relattivi ghall-kwistjoni u jezamina jekk il-konteggi maghmula mis-socjeta` konvenuta kienux korretti jew le. Il-fatt li l-attur iffirma l-iskrittura tal-5 ta` Jannar, 2006 u li ma jirrizultax li sal-lum huwa pproceda gudizzjarjament sabiex jattakka l-validita` o meno ta` l-istess dokument, ifisser illi l-pretensjonijiet odjerni ta` l-attur fil-konfront tas-socjeta` konvenuta m'ghadhomx jezistu u konsegwentement it-talba ta` l-attur ghandha titqies bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talbiet ta` l-attur bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------